MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2007

Numru 405/1995

**Kumpilazzjoni nru 405/95**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Rizzo u**
**Spettur Anglu Baldacchino)**

**Vs**

**Emanuel Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli:

1. Fil-lejl tat-28 u d-29 ta' Gunju 1995 ghall-habta tat-3:00a.m. flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, bil-hsieb li jisraq affarijiet u somma ta' flus li jammontaw ghal madwar Lm100,000 mill-fergha tal-Bank of Valletta li

qieghed Pretty Bay, B’Bugia, huwa wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi qata’ l-pjanca tal-bieb tal-bitha ta’ wara, permezz ta’ ‘burner’ hu dahal gewwa l-imsemmi fergha tal-Bank, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok.
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50.00 ghad-dannu ta’ Bank of Valletta, u l-Gvern ta’ Malta.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huwa attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma’ titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Rat dak verbalizzat waqt is-seduta tal-10 ta’ Lulju 1995 kif jidher a fol 16 tal-atti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 272 tal-atti) u li biha, billi dehrlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet) a basi tal-istess kumpilazzjoni fil-konfront tal-istess imputat taht dak li hemm mahsub:-

a) Fl-artikolu 42, 43, 44, 45, 46, 47, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 41(1)(a), 278, 330, 279, 280, 281, 95, 96, 325(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, baghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali, f’nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti “in difesa” mill-akkuzat.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, mill-bidu nett, jkun utli li jinghad illi, kif jidher mix-xhieda tal-istess akkuzat, kif ukoll mill-provi prodotti minnu, ma jidhirx illi l-akkuzat qed jikkontesta l-htija tieghu vis-à-vis il-fatti in esami kif risultanti mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Difatti meta xehed (fol 284 sa fol 289 tal-atti); hu kien qal fil-bidu nett u testwalment “Jiena nammetti il-kaz” … waqt li zied certi riservi fis-sens illi “Jiena pero’ ma ridtx nisraq” u “Mistoqsi ghaliex dhalt nirrispondi ‘hekk’ ” waqt li immotiva l-agir tieghu billi qal “Jiena ridt nuri li kont kapaci nidhol fil-bank” izda “…. Ma kontx mort ghall-flus”.

Illi, ghalhekk jkun opportun li ssir sintesi tal-provi prodotti waqt is-smiegh ta’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi l-Ufficjal Prosekutur (fol 27 et seq ibid) spjega illi, meta kien gie informat illi, matul il-lejl fil-fergha tal-Bank of Valletta sitwata f’Pretty Bay, Birzebbugia, kienet instabet persuna, hu kien mar fil-post in kwistjoni u kien ra li mal-art, f’”haversack” kien hemm zewg cilindri ta’ acitilena u arja, oltre “burner”, “hack saw”, xemgha, “spanner” “wire” maghmul minn aluminju “lighter ta’ kulur isfar’, “wrench” oltre beritta safra, xugaman iswed u par “tights”. Inoltre fl-istess kamra fejn instabu dawn l-oggetti, ossija il-kcina, il-bieb maghmul minn hadid u li jaghti ghal go bitha kellu pjanca fin-naha ta’ isfel, li kienet maqtugha permezz ta’ “burner”. F’din il-bitha, li kienet imsaqqfa b’ “security bars”, tlieta minn dawn kienu maqtughin u mghawgin il-fuq. Inoltre kien hemm habel b’ghoqod, niezel l-isfel, minn naha ta’ fuq, ta’ bini adjacenti ghall-istess fergha, liema bini kien qed jinbena u kellu bieb provisorju tal-hadid u li kien facilment accessibbli minn tahtu. Fl-istess bitha kien instab, ukoll, par “pliers”.

In naha ta’ fuq tal-istess bini kien hemm, ukoll, habel, marbut ma “speci ta’ tieqa”. In rigward il-post tal-incident

ossija fergha tal-Bank involut, il-Pulizija, li kien osserva "sparks" gejjin minn naha ta' gewwa kif ukoll "persuna liebsa beritta safra … go fih, iccirkondaw l-istess post. Fil-vicinanzi kienet instabet persuna ossija l-akkuzat odjern li gie arrestat u interrogat mill-Pulizija pero hu "ftit li xejn wiegeb ghad-domandi li ghamiltlu" (ara fol 35 sa fol 37 ibid). Sussegwentement, waqt li l-investigazzjonijiet irrisulta li zewg cilindri ta' acitilena li nstabu fil-kcina tal-fergha tal-Bank, kienu gew mimlijin mill-istess akkuzat fil-11 ta' Gunju 1995 (ara l-ircevuta markata Dok JR1 esebita a fol 34 ibid).

Ikkunsidrat

Illi matul il-kumpilazzjoni tal-provi, il-Prosekuzzjoni pproduciet diversi provi in sostenn ta' dak li xehed l-Ufficjal Prosekutur.

Dawn principalment kienu:-

a) PS 26 Abraham Zammit (fol 38 et seq ibid).

b) L-Ispettur Pierre Calleja (fol 44 et seq ibid) li oltre li kkonferma dak li xehed l-istess Ufficjal Prosekutur, kien, f'certu hin, sema' tir ta' arma ta' nar u kien gie informat li kienet giet intercettata persuna, li hu ra, ghall-ewwel darba diga, f'karozza tal-Pulizija u liebsa "boiler suit" blu. Meta kien raha, hu mar fuqha u gharafha bhala l-istess akkuzat, li da parti tieghu, wara li gie debitament imwissi skond il-ligi, kien qal lix-xhud "qabzitli, kont wahdi".

c) L-espert Tekniku l-AIC Richard Aquilina li ssottometta l-annessa relazzjoni markata Dok RA (fol 51 sa fol 61 ibid) u dik a fol 163 sa fol 174 ibid.

d) PS 4 John Charles Ellul (fol 62 sa fol 65 ibid) nominat bhala "scene of the crime officer" u li eleva minn fuq il-post tal-incident u esebixxa d-dokumenti kollha deskritti fuq pagna 6 tal-anness Dok JCE, fir-relazzjoni tieghu.

e) PC 464 Francis Pullicino (fol 69 et seq ibid) li rrakonta kif gie arrestat minnu u minn Pulizija ohrajn, l-akkuzat, li kien gie osservat jigri, l-barra minn 'garage' sitwat fi triq ma' genb l-istess Bank (ara l-pjanta 'rough' esebita mill-Ufficjal Prosekutur a fol 77 ibid).

f) Tlett “scene of the crime officers” nominati cjoe PS282 Pierre Grech, PC 1184 Patrick Fenech u PC 154 Jesmond Cassar (fol 91 et seq ibid) li elevaw mill-istess post u esebew diversi dokumenti fosthom impronti kif ukoll diversi ritratti.
g) Carmelo Pulis (fol 98 et seq ibid) u Peter Farrugia (fol 101 et seq ibid) specjalment dan tal-ahhar li kien ra lill-akkuzat “… wara l-bieb tal-‘garage’ tal-lukanda (Seabreeze) … liebes …. ‘boiler suit’ blu”.
h) Joseph Frendo (fol 123 et seq ibid) li ssottolinea illi mill-fergha involuta, ma kien insteraq xejn. Inoltre hu kien ra, meta kien fuq il-post, illi ma kien hemm ebda sinjal li “… xi hadd ipprova jifthu” b’referenza ghas-‘safe’. Hu specifika li fl-istess fergha, matul il-lejl, in kwistjoni, kien hemm madwar Lm80,000.00/Lm100,000.00, li kienu mizmuma fl-istess ‘safe’ (ara ukoll ix-xhieda ta’ Emanuel Mallia a fol 126 et seq ibid) u Anna Tabone a fol 133 et seq ibid, flimkien ma dik ta’ Mark Tabone a fol 136 et seq ibid).
i) PC 410 Joseph Chetcuti (fol 139 et seq ibid) li ddeskriva d-danni f’uniformi ta’ pulizija, kagunati mill-akkuzat meta kien qed jigi arrestat fil-post tal-incident. Dawn gew stmati ftit aktar minn Lm2.50,0.
j) Joseph Bongailes, l-espert nominat in konnessjoni ma’ komparazzjoni ta’ impronti elevati mill-post tal-incident u dawk tal-akkuzat li ssottometta r-relazzjoni in konnessjoni ma’ dan l-inkarigu u li tinsab a fol 195 ibid. Fil-qasir, ir-risultat ta’ din il-komparazzjoni kien fin-negattiv.
k) Dottor Anthony Abela Medici nominat bhala espert forensiku u dan kif assistit, issottometta dejjem kif assistit, ir-relazzjoni tieghu li tinsab annessa a fol 269 et seq ibid. F’dan il-kaz, in-nomina kienet ukoll in rigward komparazzjoni izda bejn par zarbun u tlett “casts” tal-gibs, kif deskritti f’din ir-relazzjoni b’konkluzzjoni fil-posittiv. Dwar l-istess zarbun jigi rilevat illi dan kien gie elevat minn PS 4 John Charles Ellul (ara pagna 3 tal-anness Dok JCE in rigward id-dokument immarkat 95BHR04 u elevat minn fuq il-persuna tal-akkuzat minn dan is-‘scene of the crime officer’, tramite l-ufficjal prosekutur u prezenti l-istess akkuzat).

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat, indifesa, xehed minn jeddu, kif jidher a fol 284 et seq ibid. Dan beda biex qal, testwalment "Jiena nammetti l-kaz" minghajr, pero' ma kellu l-ghan li jisraq izda biss, sabiex juri li kien kapaci, wahdu, jidhol fl-istess bank. Hu kompla jghid illi "… naf x'inhu 'safe' avolja qabel kien sostna illi "… ma ghandi l-ebda ideja x'inhu 'safe'. Sussegwentement hu ddeskriva s-sitwazzjoni familjari tieghu kif ukoll li kien bi hsiebu jizzewweg u kien sab impieg. Inoltre kellu dejn ta' madwar Lm2,000.00 li kien hallsu billi hadem anke filghaxija. Inoltre hu iddeskriva lilu nnifsu bhala wiehed li "… ibellghuli affarijiet".

Illi hu ipproduca zewg xhieda dwar il-karattru u komportament tieghu cjoe ir-Reverendu Carmel Attard (fol 290 ibid), li rrefera ghall-akkuzat bhala bniedem kwiet li jmur regolarment il-knisja u hu religjuz u semplici mentalment u Victoria Cachia, omm l-akkuzat (fol 293 ibid) li qalet li l-istess binha kien kwiet u "qatt ma habbatni". Filfatt kien ghadu jghix maghha.

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz, l-abili difensur tal-akkuzat ghamel enfasi fit-trattazzjoni tieghu mhux fuq il-kwistjoni ta' htija o meno tal-akkuzat izda in rigward il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu.

Illi, difatti, fid-dawl tal-provi skjaccanti prodotti mill-Prosekuzzjoni, wiehed ghandu jsibha difficli li titwemmen it-tezi tad-difisa illi l-akkuzat kien motivat minn "bluha". Filfatt kollox jindika illi kien qed isir tentattiv ta' serqa mill-fergha tal-Bank in kwistjoni liema tentattiv, ma giex konsmat minhabba l-intervent, f'waqtu, tal-Pulizija.

Illi dwar il-kwalifiki, dawn ukoll, gew pruvati mill-provi prodotti kif esposti.

Illi inoltre mic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jidhirx li l-akkuzat seta' kien qed jagixxi, wahdu, fit-twettiq ta' dan ir-reat izda l-istess cirkostanzi kollha kemm huma jindikaw,

b’mod car, illi l-akkuzat kien qed jagixxi ma’ persuna jew persuni ohrajn, li baqghu injoti sallum.

Ikkunsidrat

Illi in konnessjoni mal-istess delitt ta’ serq u sabiex jigi kommess, l-akkuzat ikkommetta hsara volontarja fl-istess post skond l-artikolu 325(b) hawn fuq citat.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi, jidher li l-akkuzat ghamel tentattiv ta’ harba minn fuq il-post tal-incident.  Pero, ma jidhirx b’mod car, jekk, meta gie imwaqqaf u arrestat ghamilx xi resistenza ghal dan permezz ta’ “via di fatto” jew b’resistenza attiva kif rikjest mill-artikoli relattivi tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta’ din l-akkuza. L-istess ghandu jinghad dwar l-akkuza taht l-artikolu 95 tal-istess Kodici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi migjuba a bazi tal-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali, issib lill-akkuzat hati talli fit-28 u d-29 ta’ Gunju 1995 ghall-habta tat-3:00a.m. flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, bil-hsieb li jisraq affarijiet u somma ta’ flus li jammontaw ghal madwar Lm100,000.00 mill-fergha tal-Bank of Valletta li qieghed Pretty Bay, B’Bugia, huwa wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi qata’ l-pjanca tal-bieb tal-bitha ta’ wara, permezz ta’ ‘burner’ hu dahal gewwa l-imsemmi fergha ta’ Bank, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, liema delitt huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok.

Issibu hati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, volorjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 ghad-dannu ta’ Bank of Valletta, u l-Gvern ta’ Malta u dan skond l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270,

41(1)(a), 278, 330, 279, 280, 281, 325(b) u 533 tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena wara li l-Qorti rat  li:

a) l-akkuzat kellu, sa' dan il-kaz, fedina penali netta u nadifa ghal kollox.
b) Li l-akkuzat qed jghix hajja normali bhala bniedem mizzewwg u gie deskritt mir-Reverendu Carmel Attard (fol 290 u fol 291 ibid) bhala bniedem “kwiet” li jattendi l-Knisja regolarment, xi ftit ‘semplici mentalment” u li ma hux imqareb, il-Qorti taqbel illi ghandha tapplika l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, in vista li jissussistu cirkostanzi, kif deskritti, sabiex jigi applikat l-artikolu 23 tal-istess Kodici.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-perjodu ta' sentejn bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor soggett ghall-prigunerija fl-istess perjodu ta' sentejn. Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 533 ibid, Tordna lill-akkuzat sabiex jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes kollha involuti fin-nomina u konferma ta' esperti waqt dawn il-proceduri.

Din is-sentenza giet spjegata lill-akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------